**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Diċembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Bilel Hattab (Passaport Tunezin H313562)**
**Hssen Letaief (Passaport Tunezin C323900)**
**Hamed Mathlouthi (Passaport Tunezin C323906)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Bilel Hattab, Hssen Letaief** u **Hamed Mathlouthi** li ġew akkużati talli:

1. Sabiex kisbu xi vantaġġi jew benefiċċju għalihom innfishom jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub li kien wieħed intiż għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati kollha ammettew għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tagħthom żmien jikkonsidraw l-pożizzjoni tagħhom u spjegatilhom il-piena marbuta mar-reat in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Illi dan il-każ jitratta dwar ċertifikat falz tal-vaccin kontra l-Covid 19. Minn dak mistqarr mill-Ufficjal Prosekutur jirriżulta illi l-imputati ġew Malta biex jaħdmu pero` ic-certifikat tal-vaccin li kellhom ma kienx rikonoxxut ġewwa Malta stante li huwa ta' pajjiż terz. Jirriżulta illi min kien se jħaddimhom bgħatilhom certifikat tal-vaccin ewropew biex ikunu jistgħu jidħlu hawn Malta. Madankollu malli waslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta dan il-fatt ġie nnutat u ġew arrestati. Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qegħdin jinstabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni illi huma kellhom certifikat validu tal-vaccin li pero` mhux rikonoxxut hawn Malta. Għaldaqstant il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi partikolari tal-każ għandha timponi multa.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 188 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati **Bilel Hattab, Hssen Letaief** u **Hamed Mathlouthi** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom u tikkundannahom għall-piena ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300) kull wieħed.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur